MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 551/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**REGINALD BUGEJA**
**--OMISSIS--**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Reginald Bugeja, ta' 32 sena, bin il-mejjet Paul u Doris nee' Hole, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru 1972, residenti 26, Triq il-Kullegg Rabat u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 505272 (M) gie akkuzat:

1. Talli nhar il-21 ta’ Gunju, 2005, ghal habta tas-1.00pm, fl-Imdina, ikkommetta serq ta’ zewg basktijiet kontenenti diversi oggetti minn go vettura tal-ghamla Citroen bin-numru SYL015, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Sylvana Vella;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta’ Sylvana Vella;
4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai’ termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi Sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema Sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula jew imhassra;
5. Talli nhar is-16 ta’ Gunju, 2005, ghal habta tat-8.00am, fir-Rabat, ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-ghamla Sharp X 25 minn go vettura bin-numru JMC349, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Zerafa;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
7. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta’ Sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 18.11.04, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.
8. U aktar talli kiser il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446) tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ Sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20.01.03, b’liema Sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.
9. -- OMISSIS --

10. -- OMISSIS --

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process.

Innutat li l-imputat Reginald Bugeja iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Ghal kull buon fini innutat ukoll li anke il-ko-imputat Lineker Micallef iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2005 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li inkwantu ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u liema akkuza hi fil-konfront taz-zewg imputati, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u li ukoll hija fil-konfront taz-zewg imputati. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imsemmija tieni akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li s-sitt akkuza fil-konfront tal-imputat Reginald Bugeja biss u li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-hames akkuza li tirrigwarda serq u li ukoll hija fil-konfront tal-imputat Reginald Bugeja biss. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imsemmija sitt akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2005 l-imputat Reginald Bugeja fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qed jammetti l-ewwel akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-seba' akkuza u t-tmien akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Reginald Bugeja bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Reginald Bugeja rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza,

it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-seba' akkuza u t-tmien akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat it-talba tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jeffrey Cilia fil-Verbal tas-Seduta tas-7 ta' Frar, 2006 fejn dan talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Reginald Bugeja, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti fl-istess Seduta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u minn Dr Edward Gatt ghall-imputat Reginald Bugeja.

Taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Marietta Lanzon prodotta mill-imputat Reginald Bugeja fis-Seduta tas-7 ta' Frar, 2006 fejn din ix-xhud qalet:
"Jien ufficjal tal-Probation u nghid illi ghandi taht idejja lil Reginald Bugeja u dan fuq ordnijiet minn diversi qrati differenti u dan ilu taht idejja minn Settembru tas-sena 2002, dan in kwantu probations u pre sentencing reports. Nghid illi Reginald Bugeja mill-perjodu tas-sena 2002 sal-perjodu ta' l-ahhar tas-sena 2004 hu kien qieghed bhala sitwazzjoni miexi sew. Kien ghamel perjodu l-habs u meta hareg mill-habs kellu xoghol u hu xorta baqa' jattendi l-counselling mill-agenzija Caritas tant hu hekk li mill-Caritas lili kienu qaluli li ma kellux bzonn programm ghaliex kien qieghed tajjeb. Sussegwentement dan spicca bla xoghol u nghid illi dan kien tort tieghu w imbaghad f'temp ta' xhur, sena, huwa rega' tharbat. Nixtieq nghid illi kemm jien u kemm l-Agenzija Sedqa ghandha intiza li l-imputat f'kaz li dan ikun xi kawza jinghata piena karcerarja ahna nkunu nistghu nippreparawh halli hu jkun jista' jidhol programm kontra l-abbuz mid-droga u dan jekk l-imputat ikun irid hu. Fl-ahhar assessment li ghamilt jien ta' l-imputat jidher li hemm inklinazzjoni li l-imputat jixtieq jaghmel dan il-programm."

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qalet:
"Nixtieq nghid illi dan l-assessment li wera li l-imputat ghandu l-inklinazzjoni li jaghmel il-programm, dan sehh qabel Gunju tas-sena 2005 pero' ghal fini ta' l-Agenzija Sedqa dan l-assessment ghadu jghodd sal-lum. Nghid illi

min-naha ta’ l-Agenzija Sedqa ahna ma ddiskutejniex jekk hemmx il-htiega jew le li jsir assessment iehor. Nghid illi l-imputat kien jaghmel counselling dwar l-abbuz tad-droga pero’ il-programm tas-Sedqa residenzjali l-imputat Reginald Bugeja qatt m’ghamlu mas-Sedqa.”

Rat l-Artikoli 17, 31, 261(c) u (g), 267, 271(g), 279 (a), 280(1), 281(a), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u inkwantu ghall-akkuza numru 8 migjuba fil-konfront tal-imputat Reginald Bugeja rat l-artikoli 261, 263, 267, 271 u 325, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Reginald Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza, tas-seba akkuza u tat-tmien akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-problema tad-droga li ghandu l-imsemmi imputat, il-fatt li minn ezami tal-Fedina Penali tal-imputat Reginald Bugeja jemergi li l-imputat inghata l-opportunitajiet li jirriforma ruhu, pero’ jidher car li l-imsemmi imputat naqas li jiehu tali opportunitajiet sabiex hu jirriforma ruhu u ghaldaqstant inkwantu ghall-ewwel akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza u l-hames akkuza tikkundanna lill-imputat Reginald Bugeja ghall-piena komplessiva ta’ tlett (3) snin prigunerija u li nkwantu ghas-seba akkuza tordna li fil-konfront tal-imputat Reginald Bugeja, is-Sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-18 ta’ Novembru, 2004 (Dok SAP3 fol. 85 sa fol. 89 tal-Process) tigi reza operattiva, b’liema Sentenza gie estiz il-perjodu operattiv ta’ zewg Sentenzi sospizi moghtija rispettivament fis-6 ta’ Ottubru, 2000 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta nstab hati li kkommetta serq aggravat u gie kkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghall-sentejn fl-Awla tal-Magistrat M. Hayman LL.D. u fil-11 ta’ Ottubru, 2000 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) instab hati ta’ serq aggravat u kkundannat erbatax (14) il-xahar prigunerija sospizi ghall-tlett snin fl-Awla tal-Magistrat Dr J. Padovani Grima LL.D. li allura qeghdin ukoll jigu rezi operattivi u b’hekk l-imputat Reginald Bugeja ghandu jaghmel sentejn (2) u tmin (8) xhur prigunerija rigward din l-akkuza u nkwantu ghat-

tmien akkuza tikkundanna lill-imputat Reginald Bugeja ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u b’hekk l-imputat Reginald Bugeja ghandu jaghmel seba’ (7) snin u tmien (8) xhur prigunerija b’kollox.

Inkwantu ghat-tieni akkuza u is-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Reginald Bugeja, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur rigward dawn iz-zewg akkuzi fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta’ Dicembru, 2005 u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, peress li it-tieni akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza u is-sitt akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hames (5) akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza u sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Reginald Bugeja.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------